**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 3**

**Rikors Maħluf Numru 22/2022 NC**

**L-Avukat Dr. James Scicluna bħala mandatarju speċjali ta' Moulaye Ely Bouamatou, Mohamed Bouamatou, Salka Bouamatou, u Seyida Bouamatou**

**vs.**

**Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi li b'digriet tat-3 ta' Ottubru 2022 ġie jaqra Ministru għall-Intern, is-Sigurta', ir-Riformi u l-Ugwaljanza**

Illum it-tlieta (3) ta' Novembru 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur L-Avukat Dr. James Scicluna bħala mandatarju speċjali ta' Moulaye Ely Bouamatou, Mohamed Bouamatou, Salka Bouamatou, u Seyida Bouamatou (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fit-12 ta' Jannar 2022 li jgħid hekk:

*"APPLIKAZZJONI GĦAĊ-ĊITTADINANZA*

*1. Illi r-rikorrenti Moulaye Ely Bouamatou, Mohamed Bouamatou, Seyida Bouamatou u Salka Bouamatou applikaw għaċ-Ċittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, taħt il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta ai termini tal-Avviż Legali 47 tas-sena 2014, permezz ta' applikazzjonijiet ppreżentati fid-29 ta' April 2020 li jġibu n-numri ta' referenza "1553-0252376A-BOUA", "1555-0252391A-BOUA", "1556-0252401A-BOUA" u "1557-0252394A-BOUA" rispettivament;*

*2. Illi r-rikorrenti ssottomettew l-applikazzjonijiet rispettivi tagħhom taħt il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta bħala l-applikant prinċipali (Main Applicant) permezz tal-Aġent Akkreditat Dr. Olga Finkel għan-nom u in rappreżentanza ta' WH Partners ma' Identity Malta u l-Malta Individual Investor Programme Agency (kif kienet magħrufa dak iż-żmien) (flimkien "Aġenzija") ai termini tal-Avviż Legali 47 tas-sena 2014;*

*3. Illi r-rikorrenti Moulaye Ely Bouamatou fl-applikazzjoni rispettiva tiegħu ndika bħala d-dipendenti tiegħu lil martu u bintu;*

*4. Illi r-rikorrenti Mohamed Bouamatou fl-applikazzjoni rispettiva tiegħu ndika bħala d-dipendenti tiegħu lil uliedu;*

*5. Illi r-rikorrenti Seyida Bouamatou fl-applikazzjoni rispettiva tagħha ndikat bħala d-dipendenti tagħha lil uliedha;*

*6. Illi r-rikorrenti Salka Bouamatou fl-applikazzjoni rispettiva tagħha ndikat bħala d-dipendent tagħha lil binha;*

*7. Illi r-rikorrenti lkoll ssottomettew 'Statement of Source of Funds and Wealth', (hekk imsejjħa "Form SSFW") li fiha ddikjaraw l-provenjenza tal-ġid tagħhom u ppreżentaw d-dokumentazzjoni kollha neċessarja, illi kienet estensiva, sabiex jissodisfaw il-kriterji kollha ta' eleġibilita' skont id-disposizzjonijiet tal-Avviż Legali 47 tas-sena 2014 kif ser jirriżulta fil-mori ta' dawn il-proċeduri;*

*8. Illi r-rikorrenti Moulaye Ely Bouamatou iffinanzja l-applikazzjoni tiegħu u l-applikazzjonijiet kollha tar-rikorrenti, bħala sponsor, kif kienet taf ben tajjeb l-Aġenzija u kwindi l-Ministru intimat, u kif ser jirriżulta mid-dokumentazzjoni relattivi fil-mori tal-kawża;*

*9. Illi bħalma jaf ben tajjeb il-Ministru intimat, kienet l-Aġenzija (bl-għajnuna ta' entitajiet tekniċi) illi kienet twettaq id-due diligence fuq l-applikanti taħt il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta, pero' kienet topera taħt l-istruzzjonijiet tal-Ministru intimat, billi d-deċiżjoni finali tittieħed mill-Ministru;*

***SPEJJEŻ***

*10. Illi sabiex ir-rikorrenti u d-dipendenti tagħhom jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibilita' tal-Avviż Legali 47 tas-sena 2014, u ċioe' li l-applikanti jkunu residenti hawn Malta għal żmien ta' mhux inqas minn 12-il xahar qabel ma jingħataw iċ-ċittadinanza, r-rikorrenti lkoll daħlu f'kuntratt ta' lokazzjoni għalihom u għad-dipendenti tagħhom għal kera ta' proprjetajiet hawn Malta;*

*11. Illi dejjem in linea mal-kriterji tal-Avviż Legali 47 tas-sena 2014, ir-rikorrenti daħlu wkoll membri fi klabbs hawn Malta u r-rikorrenti Moulaye Ely Bouamatou ta donazzjonijiet lil għaqdiet mhux governattivi jew filantropiċi ta' Malta, ħallas għas-servizzi professjonali tal-Aġent Akkreditat, u għamel pagamenti lill-Malta Individual Investor Programme Agency, ai fini ta' due diligence fir-rigward tal-erba' (4) applikazzjonijiet tar-rikorrenti odjerni;*

*12. Illi dawn il-pagamenti kienu jammontaw komplessivament għal għexieren ta' eluf ta' Ewro, kif ser jirriżulta mill-provi mressqa f'dawn il-proċeduri;*

***KRITERJI U RIFJUT***

*13. Illi r-rikorrenti u d-dipendenti tagħhom bl-ebda mod ma jaqgħu taħt il-kriterji ta' ineliġibilita' skont l-Artikolu 6 tal-Avviż Legali 47 tas-sena 2014, li jipprovdu li applikant ikun ineliġibbli meta dan:*

*(a) jkun ipprovda informazzjoni falza fl-applikazzjoni tiegħu;*
*(b) għandu rekord kriminali;*
*(ċ) huwa soġġett għall-investigazzjoni kriminali;*
*(d) huwa potenzjalment ta' theddida kontra s-sigurta' nazzjonali ta' Malta;*
*(e) huwa, jew jista' jkun, involut f'xi attivita' li tagħti isem ħażin lil Malta; jew*
*(f) ma tkunx inħarġitlu viża għal pajjiż li Malta jkollha arranġamenti ta' vjaġġar li ma jkunx hemm il-ħtieġa ta' viża u li sussegwentement ma jkunx kiseb viża għal pajjiż li jkun ħareġ iċ-ċaħda.*

*14. Illi l-paragrafi (a), (b), (ċ) u (f) l-Artikolu 6 tal-Avviż Legali 47 tas-sena 2014 ma jagħtux lok lill-Ministru intimat jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu, billi huma stat ta' fatt, u l-esponenti huma ċerti illi m'hemmx lok illi huma jew id-dipendenti tagħhom m'humiex eleġibbli taħt xi waħda minn dawn il-kriterji. Isegwi li d-diskrezzjoni tal-istess Ministru intimat tista' tiġi eżerċitata biss ai fini tal-paragrafi (d) u (e) tal-Artikolu 6, li di natura, huma inqas kategoriċi mill-paragrafi ċċitati preċedentement, iżda xorta r-rikorrenti odjerni m'għandhom l-ebda dubju illi ma japplikawx fil-konfront tagħhom;*

*15. Illi nonostante, permezz ta' ittri mibgħuta mill-Aġenzija fit-12 ta' Lulju 2021, l-Aġent tar-rikorrenti ġie nfurmat li l-applikazzjonijiet tar-rikorrenti Moulaye Ely Bouamatou, Mohamed Bouamatou, Seyida Bouamatou u Salka Bouamatou ġew rifjutati, kif jista' jirriżulta mid-dokumenti annessi u esebiti u mmarkati Dok. 'A' sa Dok. 'D' rispettivament;*

*16. Illi l-Aġenzija ma tat l-ebda indikazzjoni tar-raġuni jew raġunijiet għar-rifjuti, u l-Aġenzija għarfet lir-rikorrenti li: "We have been instructed by the Minister responsible for Citizenship to inform you that after careful consideration your application on behalf of the captioned applicant in terms of the Individual Investor Programme of the Republic of Malta, has been refused."*

*17. Illi għalhekk ir-rikorrenti fl-ebda ħin ma ngħataw l-opportunita' sabiex jirrispondu għal xi nuqqasijiet li l-Aġenzija setgħet identifikat u kif ukoll ma kellhomx l-opportunita' li*

*jivverifikaw dawn in-nuqqasijiet (jekk verament jeżistu) mal-istess Aġenzija;*

*18. Illi qabel ma nħarġu l-ittri ta' rifjut, permezz ta' korrispondenza datata 6 ta' Awwissu 2020, l-Aġenzija kienet staqsiet numru ta' mistoqsijiet (ara Dok. 'E') lil Moulaye Ely Bouamatou limitati għall-applikazzjoni tiegħu illi hu wieġeb permezz ta' ittra datata 5 ta' Ottubru 2020 (ara Dok. 'F');*

*19. Illi d-domandi nnifishom jagħtu x'tifhem illi l-proċess ta' due diligence fil-konfront tar-rikorrenti ma twettaqx b'mod ġust, jew kien inkomplet u/jew mhux aġġornat, u għaldaqstant jinħoloq dubju f'moħħ ir-rikorrenti rigward jekk il-ħlas mitlub fil-mori tal-applikazzjoni għal fini ta' due diligence ġiex utilizzat kif titlob il-Liġi, u mhux b'mod abbużiv;*

*20. Illi inoltre, l-Artikolu 7(4) tal-Avviż Legali 47 tas-sena 2014 jipprovdi li fi żmien 90 jum mindu tiġi ppreżentata applikazzjoni għaċ-ċittadinanza, l-Aġenzija għandha tivverifika illi:*

- *l-applikazzjoni tkun ġiet ċertifikata bħala li tkun formalment korretta;*
- *l-informazzjoni kollha rilevanti pprovduta mill-applikant ġiet vverifikata minn aġent indipendenti wieħed jew aktar li jipprovdu rapporti ta' due diligence;*
- *il-passat tal-applikant u d-dipendenti tiegħu, jekk applikabbli, ikun ġie verifikat minn aġent indipendenti wieħed jew aktar li jipprovdu rapporti ta' due diligence;*
- *id-drittijiet kollha meħtieġa dwar due diligence, passaport u ħlasijiet bankarji kif ukoll il-ħlas li ma jingħatax lura, kif definit fl-Iskeda akkont tal-kontribuzzjoni, ikunu tħallsu;*
- *is-sors tal-fondi kollha ġew ivverifikati; u*
- *saret valutazzjoni xierqa ta' riskju,*

*filwaqt illi l-Artikolu 7(5) jipprovdi li fi żmien 30 jum mid-data meta tintemm il-verifika hawn fuq imsemmija, l-Aġenzija għandha tirrevedi ulterjorment l-applikazzjoni li tkun ġiet sottomessa lilha u għandha tavża bil-miktub lill-konċessjonarju u, fejn ikun applikabbli, lill-Aġent Approvat, skont l-instruzzjonijiet tal-Ministru, illi l-applikazzjoni tkun ġiet approvata fil-prinċipju,*

*rifjutata jew ittardjata minħabba li tkun għadha qed tiġi proċessata;*

*21. Illi minkejja s-suespost, ir-rikorrenti kellhom jistennew 338 jum sakemm ingħataw id-deċiżjonijiet negattivi, bi ksur tal-Artikoli 7(4) u 7(5) tal-Avviż Legali 47 tas-sena 2014;*

## ***UFFIĊĊJU TAR-REGOLATUR***

*22. Illi wara li stennew xhur sabiex jingħataw d-deċiżjonijiet negattivi tal-Ministru, ir-rikorrenti immedjatament ilmentaw dwar dawn ir-rifjuti mal-Uffiċċju tar-Regolatur stabbilit taħt l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188 tal-Liġijiet ta' Malta) kif jista' jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'Ġ';*

*23. Illi nonostante diversi tentattivi sabiex tingħata risposta, (ara Dok. 'Ħ') r-rikorrenti għadhom mingħajr risposta minkejja li t-terminu għal azzjoni spettanti lilhom ai termini tal-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi illi kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) setgħat biss ssir fi żmien sitt (6) xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv, liema terminu kien jiskadi nhar it-12 ta' Jannar 2022;*

## ***DEĊIŻJONI ARBITRARJA U L-ARTIKOLU 469A***

*24. Illi r-rikorrenti jagħrfu illi s-setgħa tal-Ministru li ma jagħtix raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu f'deċiżjonijiet bħal dawk in diżamina ssib ruħha fl-Artikolu 19 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188 tal-Liġijiet ta' Malta), liema disposizzjoni ġiet kkonfermata diversi drabi minn ġurisprudenza nostrana. Pero', din il-prerogattiva tal-Istat tissupponi illi hemm sistema, f'pajjiż demokratiku bħal Malta, ta' checks and balances, illi jiġġustifikaw din is-setgħa. Ġaladarba l-Uffiċċju tar-Regolatur, illi suppost jirrevedi l-ilment tal-applikanti, ai termini tal-Artikolu 25A tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, ma weġibx lir-rikorrenti qabel ma skada t-terminu perentorju sabiex applikanti jressaq proċeduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 469A tal-*

*Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa diffiċli illi wieħed jemmen illi ċ-checks and balances qiegħdin hemm u li huma effettivi;*

*25. Illi ġaladarba l-Istat ikkrea programm sabiex wieħed ikun jista' jakkwista ċ-ċittadinanza taħt regolament ġdid, u taħt kriterji speċifiċi, d-dritt li applikant jingħata ċ-ċittadinanza taħt tali regolamenti jew programm għandu jiġi assigurat mingħajr diskriminazzjoni arbitrarja, ai termini tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, billi ċ-ċaħda ta' ċittadinanza għandha impatt dirett fuq il-ħajja privata tal-bniedem;*

*26. Illi inoltre, fin-nuqqas ta' sistemi ta' checks and balances effettivi illi jassiguraw illi l-applikazzjonijiet taħt ir-regolament bħal dak in diżamina jiġu ttrattati b'mod ekwu, d-deċizjoni dwar għotja jew rifjut ta' ċittadinanza tkun, jew tista' tkun arbitrarja. L-istess japplika jekk sistema ta' checks and balances tkun ikkreata mill-Liġi, pero' ineffettiva, kif ġara fil-każ tar-rikorrenti odjerni, fejn l-Uffiċċju tar-Regolatur ma qediex il-funzjonijiet tiegħu u bis-silenzju tiegħu, seta' tellef lir-rikorrenti d-dritt tal-azzjoni odjerna fiż-żmien perentorju, kif diġa' ngħad;*

*27. Illi għalhekk id-deċiżjonijiet tal-Ministru intimat tat-12 ta' Lulju 2021, ossia l-egħmil amministrattiv tal-Ministru intimat fir-rigward tal-applikazzjonijiet tar-rikorrenti f'dawn il-proċeduri, jiksru l-Kostituzzjoni ta' Malta, u/jew kienu nieqsa mill-osservanza tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew/u ħtiġiet proċedurali mandatorji, u/jew kienu msejjsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u arbitrarji u għalhekk huma nulli, invalidi u bla effett ai termini tal-Artikolu 469A(1)(a) u (1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*28. Illi minħabba l-istess egħmil amministrattiv, ir-rikorrenti sofrew danni finanzjarji kif ukoll morali, liema danni għandu jagħmel tajjeb għalihom il-Ministru intimat;*

*29. Illi r-rikorrenti qegħdin jippreżentaw dan ir-rikors b'mod konġunt għall-ekonomija tal-ġudizzju u peress li l-applikazzjonijiet tagħhom mal-Aġenzija huma lkoll konnessi;*

*30. Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, jgħid għalhekk il-Ministru intimat għalfejn m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tiddikjara illi l-għemil amministrattiv tal-Ministru intimat, kif naxxenti mid-deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2021 fil-konfront ta' Moulaye Ely Bouamatou jmur kontra l-Artikolu 469A(1)(a) u (1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk huwa null, invalidu u bla effett;*

*2. Tiddikjara illi l-għemil amministrattiv tal-Ministru intimat, kif naxxenti mid-deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2021 fil-konfront ta' Mohamed Bouamatou jmur kontra l-Artikolu 469A(1)(a) u (1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk huwa null, invalidu u bla effett;*

*3. Tiddikjara illi l-għemil amministrattiv tal-Ministru intimat, kif naxxenti mid-deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2021 fil-konfront ta' Seyida Bouamatou jmur kontra l-Artikolu 469A(1)(a) u (1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk huwa null, invalidu u bla effett;*

*4. Tiddikjara illi l-għemil amministrattiv tal-Ministru intimat, kif naxxenti mid-deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2021 fil-konfront ta' Salka Bouamatou jmur kontra l-Artikolu 469A(1)(a) u (1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk huwa null, invalidu u bla effett;*

*5. Tordna l-Ministru intimat jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tar-rikorrenti Moulaye Ely Bouamatou ai termini tal-liġi u tal-prinċipji legali;*

*6. Tordna l-Ministru jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tar-rikorrenti Mohamed Bouamatou ai termini tal-liġi u tal-prinċipji legali;*

*7. Tordna l-Ministru jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tar-rikorrenti Seyida Bouamatou ai termini tal-liġi u tal-prinċipji legali;*

*8. Tordna l-Ministru jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tar-rikorrenti Salka Bouamatou ai termini tal-liġi u tal-prinċipji legali;*

*9. Tiddikjara, konsegwentement, li a bażi ta' tali għemil amministrattiv li huwa null u bla effett, ir-rikorrenti Moulaye Ely Bouamatou sofra danni ai termini tal-Artikolu 469A(5) tal-istess Kodiċi;*

*10. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti Moulaye Ely Bouamatou;*

*11. Tordna lill-Ministru ntimat iħallas lir-rikorrenti Moulaye Ely Bouamatou s-somma hekk likwidata;*

*12. Tiddikjara, konsegwentement, li a bażi ta' tali għemil amministrattiv li huwa null u bla effett, ir-rikorrenti sofrew danni morali;*

*13. Tillikwida d-danni morali sofferti mir-rikorrenti;*

*14. Tordna lill-Ministru ntimat iħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;*

*Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Onorabbli Qorti tħoss neċessarja u opportuna fiċ-ċirkostanzi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Ministru intimat li huwa minn issa nġunt in subizzjoni".*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi (*a fol.* 33 *et seq.*) ippreżentata fit-23 ta' Frar 2022 fejn jingħad is-segwenti:

*"1. Illi preliminarjament, l-esponent mhuwiex il-leġittimu kontradittur ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili stante li l-għoti ta' ċittadinanza hija funzjoni li tispetta lill-Ministru responsabbli għaċ-ċittadinanza liema portfolio ingħata uffiċjalment lis-Segretarju Parlamentari għaċ-Ċittadinanza u l-Komunitajiet*

*tramite avviż bin-notifikazzjoni numru 206, ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern bin-numru 20,532, datata 25 ta' Frar 2020*[1] *(kopja ta' dan l-avviż qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok 'MHSE 1');*

*2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju, l-esponent jeċċepixxi illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda perenta, ai termini tas-subinċiż (3) tal-469(A) l-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma sar xejn mill-eċċepjent li jista' legalment jattira l-ħtieġa ta' reviżjoni da parti tal-Qorti;*

*L-ebda persuna oriġinarja minn pajjiż barrani ma għandha d-dritt li takkwista Ċittadinanza Maltija. L-għoti taċ-Ċittadinanza jaqa' fl-isfera tal-prerogattiva tal-Istat u d-deċiżjoni hija neċessarjament diskrezzjonali u sigrieta minħabba li tista' timpinġi fuq materja ta' sigurta' nazzjonali u public policy. L-Istat mhuwiex legalment marbut jagħti raġunijiet jekk talba għall-għoti ta' Ċittadinanza ma tintlaqax u din id-deċiżjoni mhijiex appellabbli jew sindakabbli u dan kif stipulat fl-Artikolu 19 tal-Kap. 188 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija) li jipprovdi illi "Il-Ministru ma jkunx meħtieġ li jagħti xi raġuni għall-għoti jew għaċ-ċaħda ta' xi applikazzjoni skont dan l-Att u d-deċiżjoni tal-Ministru fuq xi applikazzjoni bħal dik ma tkunx suġġetta għal appell jew reviżjoni f'xi qorti" u kif konfermat diversi drabi mill-Qrati nostrana*[2]*;*

---

[1] Vide sentenza fl-ismijiet "***Enas Sobhy Zaky Ibrahim Atia vs. Id-Direttur taċ-Ċittadinanza, Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali***" deċiża fl-4 ta' Marzu 2021 (Rikors Ġuramentat Nru. 514/2017RGM) mill-Prim'Awla diversament preseduta; u sentenza fl-ismijiet "***L-Avukat Cedric Mifsud a nom u in rappreżentanza tal-assenti Yury Sergeevich Danilov vs. L-Aġenzija Identita Malta u l-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali***" (Rikors Ġuramentat Nru: 144/2016MCH) deċiża fil-25 ta' Ġunju 2020 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili diversament preseduta; vide ukoll is-sentenza fl-ismijiet "***Avukat Dottor Alexander Schembri għan-nom u in rappresentanza tal-assenti Sergey Khotulev vs. L-Agenzija Identita' Malta et***" deċiża fl-20 ta' Ottubru 2020 (Rik Nru: 834/2016GM).

[2] Ara digriet kamerali ta' dina l-Onorabbli Prim'Awla diversament preseduta fl-ismijiet "**Emmylou Aguilar Vella (K.I. 56805A) et vs. Ignatius Ciantar noe et**" tas-27 ta' Diċembru 2018 (hawn anness u mmarkat bħala Dok. MHSE 2):

*4. Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju, l-eċċepjent jirrespinġi bil-qawwa kull allegazzjoni li naqas fit-twettiq tal-poteri fdati lilu billi huwa dejjem aġixxa b'mod korrett, fil-parametri u b'konformita' sħiħa mal-liġi;*

*5. Illi l-esponent jirrileva illi r-referenza għall-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni msemmija mill-atturi fil-paragrafu 25 fir-rikors ġuramentat in risposta hija irritwali stante illi din il-kawża si tratta prettament dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, liema azzjoni hi distinta u separata minn azzjoni kostituzzjonali taħt l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u dan kif ġie deċiż b'mod kostanti mill-Qrati Nazzjonali[3]. Illi b'żieda ma' dan, l-artikolu 469A(1)(a) sa fejn jipprovdi dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv illi jkun jikser il-Kostituzzjoni, ma jinkorporax stħarriġ fuq allegat ksur ta' Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, u dan kif konfermat mill-ġurisprudenza nostrana[4];*

*6. Illi fi kwalunkwe każ u strettament bla preġudizzju għas-suespost l-eċċepjent ma għamel xejn b'mala fede jew b'mod mhux raġjonevoli u għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 469A(5) l-esponent ma jwieġeb għall-ebda danni. Fi kwalsiasi każ u fil-parametri ta' azzjoni taħt l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ebda danni ma jingħataw da liquidarsi;*

---

*"Illi skont din l-ipoteżi mressqa mill-atturi, ċjoe' li l-Art 6 huwa tabilħaqq tassattiv, m'hemmx għalfejn jingħataw raġunijiet, għaliex il-Ministru ma jkollu l-ebda diskrezzjoni u jkun marbut li jagħti ċ-ċittadinanza. Il-Qorti kull ma jkollha bżonn tagħmel hu li tħares lejn it-test tal-liġi;*

*Illi ankorke' kien hemm il-ħtieġa li jiġu ndagati r-raġunijiet li wasslu għar-rifjut tal-għoti taċ-ċittadinanza tal-attriċi, xorta kien irid jiġi rrinfaċċjat l-ostaklu espress u insormontabbli tal-liġi li fl-Artiklu 19 tal-Kap. 188 tippreskrivi perentorjament li **"Il-Ministru ma jkunx meħtieg li jagħti xi raġuni għall-għoti jew għaċ-ċaħda ta' xi applikazzjoni skont dan l-Att**."*

[3] Vide ***Avv. Michele Cardinali bħala mandatarju speċjali tal-konjuġi Salvatore u Josephine Boni vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija*** deċiża fit-30 ta' Jannar 2020 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili diversament preseduta mill-Imħallef Zammit Mckeon (Rikors Ġuramentat 563/2019JZM);

[4] Vide ***Christopher Hall vs. Director Social Accommodation*** (CC) (18 September 2009). Ara wkoll ***Martin Baron pro et ne vs. Commissioner of Land et*** (FH) (28 May 2015) (1168/12), ***Wakil Mohammed Samir vs. Prime Minister et*** (CC) (14 February 2011) (45/08), ***Emanuel Ciantar vs. Commissioner of Police*** (CC) (2 November 2001) (701/99); ***Dr Karmenu Mifsud Bonnici et vs. Anthony Tabone ne*** (FH)(12 July 2002) (296/02) u ***Giovanni Fenech vs. Commissioner of Land*** (FH) (7 February 2002) (2341/00).

*7. Illi l-esponent jirrileva illi t-talba għal danni morali hija irritwali u improponibbli stante n-natura ta' dawn id-danni jistgħu jingħataw biss jekk jkunu kawżati minn reati kriminali u dan ai termini tal-Artikolu 1045(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjeż."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2022 (*a fol.* 42), il-konsulenti legali tal-parti qablu li l-ewwel kellhom jiġu sorvolati l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet hekk kif eċċepiti fir-Risposta Maħlufa tal-konvenut u l-Qorti qablet ma' dak maqbul minnhom.

Rat illi, fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2022 (*a fol.* 43), il-konsulenti legali tal-konvenut infurmaw lill-Qorti li l-konvenut ma kellux provi xi jressaq fir-rigward tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet hawn fuq imsemmija u dan fid-dawl tal-fatt li mar-Risposta Maħlufa tal-istess konvenut ġew ippreżentati żewġ dokumenti li ntalab li jittieħdu konsiderazzjoni tagħhom fir-rigward tal-eċċezzjonijiet in kwistjoni.

Rat illi, fis-seduta tat-30 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 45), il-konsulent legali tal-attur infurmat lill-Qorti li l-attur ma kellux provi xi jressaq dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 55 *et seq.*) ippreżentata mill-konvenut Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi fil-11 ta' Awwissu 2022.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 64 *et seq.*) ippreżentata mill-attur l-Avukat Dr. James Scicluna noe fit-30 ta' Settembru 2022.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet hekk kif kontenuti fir-Risposta Maħlufa tal-konvenut.

Illi l-fatti tal-kawża jirrelataw mal-applikazzjoni għaċ-ċittadinanza taħt ir-Regolamenti Dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta (Leġislazzjoni Sussidjarja 188.03 tal-Liġijiet ta' Malta).

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali hekk kif kompilati sa issa jirriżulta s-segwenti:

- l-atturi Moulaye Ely Bouamatou, Mohamed Bouamatou, Salka Bouamatou u Seyida Bouamatou applikaw għall-iskema hawn fuq imsemmija permezz ta' applikazzjoni li ġiet ippreżentata fid-29 ta' April 2020;

- fis-6 ta' Awwissu 2020 l-Aġenzija Maltija responsabbli mill-iskema bagħtet ittra elettronika lill-aġenti tal-atturi fejn talbet ċertu kjarifiki (Dok. "E" – *a fol.* 14 *et seq.*);

- l-atturi wieġbu għad-domandi magħmula mill-Aġenzija Maltija permezz ta' ittra datata 5 ta' Ottubru 2020 indirizzata lir-rappreżentant tagħhom (Dok. "F" - *a fol.* 16 *et seq.*);

- permezz ta' erba' ittri separati datati 12 ta' Lulju 2021 (Dok. "A" sa "D" – *a fol.* 10 *et seq.*) l-Aġenzija Komunita' Malta nfurmat lill-atturi li fuq struzzjoni tal-Ministru responsabbli miċ-ċittadinanza l-applikazzjoni tagħhom kienet qed tiġi miċħuda;

- permezz tar-rappreżentanti legali tagħhom, l-atturi nterponew ilment ma' l-Uffiċju tar-Regolatur fejn ressqu numru ta' talbiet (Dok. "Ġ" – *a fol.* 19 *et seq.*), liema talbiet baqgħu ma ġewx imwieġba (Dok. "Ħ" – *a fol.* 24 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed iressqu ilment għal stħarriġ ġudizzjarju taħt Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta relatat mad-deċiżjoni tal-Ministru responsabbli għaċ-ċittadinanza li jiċħad l-applikazzjoni magħmula minnhom taħt l-iskema. Fil-qosor l-atturi qed jilmentaw li l-imġieba tal-Ministru

konvenut tikser il-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew kienu nieqsa mill-osservanza tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji u jew imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u arbitrarji u għalhekk huma nulli u bla effett *ai termini* ta' Artikoli 469A(1)(a), 469A(1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Ministru konvenut ressaq numru ta' eċċezzjonijiet fir-Risposta Maħlufa tiegħu u filwaqt li fl-ewwel (1) eċċezzjoni jeċċepixxi li huwa mhux il-leġittimu kontradittur, fit-tieni (2) eċċezzjoni tiegħu jeċċepixxi li l-azzjoni tal-atturi hija perenta minħabba l-mogħdija ta' sitt xhur stabbiliti f'Artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>L-Ewwel (1) Eċċezzjoni</u>**
**<u>(Il-konvenut mhux il-leġittimu kontradittur)</u>**
Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu (*a fol.* 55 *et seq.*) il-konvenut jispjega li l-azzjoni kellha tiġi indirizzata kontra s-Segretarju Parlamentari Responsabbli għaċ-Ċittadinanza u l-Komunitajiet.

Illi l-argument li jressaq il-konvenut f'dan ir-rigward hija msejsa fuq Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistabilixxi s-segwenti:

> "Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni [...]."

Illi skont il-Ministru konvenut in vista tal-fatt li hekk kif enunċjat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Frar 2020 (Dok. "MHSE 1" – *a fol* 38*)* din ir-responsabbilita' ġiet delegata lis-Segretarju Parlamentari hekk kif imsemmi aktar 'il fuq, kien dan ta' l-aħħar li kien messu ġie mħarrek minflok il-Ministru konvenut.

Illi wara li l-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali tinnota li mhix konvinta mill-argumenti mressqa mill-konvenut stante li Regolament 7(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 188.03 tal-Liġijiet ta' Malta jgħajjat speċifikament lill-Ministru li fil-Leġislazzjoni Sussidjarja msemmija jingħad li l-kelma "Ministru" għandha l-

istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta) li fl-imsemmi Att ġie mfisser hekk:

> "il-Ministru għal dak iż-żmien responsabbli għall-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu maċ-ċittadinanza Maltija, u, safejn tingħata awtorita', tinkludi kull persuna awtorizzata minn dak il-Ministru biex taġixxi f'ismu."

Illi meta s-Segretarju Parlamentari jkun qed jaġixxi skont id-delega mogħtija lilu huwa ma jkunx qed jeħles lill-Ministru mir-responsabbilita' li tpoġġi fuqu l-liġi. Fl-aħħar mill-aħħar l-aġir tas-Segretarju Parlamentari f'dawn iċ-ċirkostanzi tkun dik ta' mandatarju li qed jaġixxi f'isem il-mandant li f'dan il-każ huwa l-Ministru. Għalhekk sakemm il-mandatarju jaġixxi fil-limiti tal-poteri tiegħu, il-mandant obbligat jirratifika dak li kkontratta l-mandatarju daqs li kieku għamlu huwa. In vista ta' dan mhux ta' fejda l-argument imressaq mill-konvenut li r-responsabilita' kienet tas-Segretarju Parlamentari għaċ-Ċittadinanza u l-Komunitajiet għax fl-aħħar mill-aħħar ir-responsabilita' u l-kontroll tal-Ministeru hija tal-Ministru hekk kif jistabbilixxi Artikolu 92 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi sabiex isaħħaħ l-argument tiegħu, il-Ministru konvenut jikkwota Artikolu 5 tal-Kapitolu 324 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Segretarju Parlamentari <u>jista</u>' jħarrek jew jiġi mħarrek dwar kull funzjoni delegata lilu taħt dan l-Att, u jista' jkompli kull proċediment legali li jkun inbeda għar-rigward ta' dawk il-funzjonijiet qabel id-data li fiha tkun saret id-delega." [emfażi miżjuda]

Illi minn analiżi tad-diċitura ta' dan l-artikolu jirriżulta li l-leġislatur ma għamilhiex tassattiva li jiġi mħarrek biss is-Segretarju Parlamentari. Dan jirriżulta mill-użu tal-kliem *"jista' jħarrek jew jiġi imħarrek"*. Il-leġislatur kien juża kliem differenti kieku ried li jkun tassattiv li l-kawżi jiġu affaċjati mis-Segretarju Parlamentari.

Illi minbarra dan anke l-fatti jmeru din l-eċċezzjoni. Fil-każ odjern ir-rwol tal-Ministru jirriżulta b'mod ċar mill-ittri (Dok. "A" sa "D" – *a fol.* 10 *et seq.*) li fihom l-atturi ġew infurmati li huma ma kienux ser jiksbu ċ-ċittadinanza Maltija fejn hemm speċifikament is-segwenti frażi:

> *"We have been instructed by the Minister responsible for Citizenship to inform you that after careful consideration….".*

Illi stante li l-ittri fejn id-deċiżjoni li t-talba għaċ-ċittadinanza minn naħa tal-atturi ġiet miċħuda jirreferu għad-deċiżjoni tal-Ministru, din il-Qorti hija tal-fehma li tali deċiżjoni ttieħdet minnu. Li kieku ma kienx dan il-każ l-ittra kien ikollha riferenza għas-Segretarju Parlamentari li kien qed jaġixxi permezz tad-delega mogħtija lilu u mhux għall-Ministru!

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, għandu jsegwi li l-ewwel (1) eċċezzjoni sollevata mill-Ministru konvenut għandha tiġi miċħuda.

**<u>It-Tieni (2) Eċċezzjoni</u>**
**<u>(L-azzjoni tal-atturi hija waħda perenta)</u>:**
Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni l-Ministru konvenut qed jargumenta li peress li l-azzjoni ġiet ippreżentata wara s-sitt xhur preskritti mil-liġi din hija perenta. F'dan ir-rigward il-konvenut jagħmel riferenza għal Artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi Artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi s-segwenti:

> "Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv."

Illi minn analiżi anke superfiċjali ta' dan is-subartikolu jirriżulta b'mod ċar li t-terminu ta' sitt xhur japplika fil-każ ta' stħarriġ taħt is-subartikolu (1)(b) tal-Artikolu 469A u *a contrario sensu* ma

japplikax għal stħarriġ mitlub taħt is-subartikolu (1)(a). F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Marzu 2010 fil-kawża fl-ismijiet **Abdel Hamid Al Yassin vs. Onorevoli Ministru Tal-Politika Soċjali** (Numru 951/2009) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "Illi huwa llum il-ġurnata stabilit, li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[5]. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għamil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi. Fuq kollox, fil-kliem innifsu tal-liġi, dak iż-żmien ta' sitt xhur japplika għal dawk il-każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju li jirreferu għal egħmil amministrattiv li jkun *ultra vires*: ma japplikax fil-każ ta' stħarriġ ta' egħmil amministrattiv li jingħad li jikser il-Kostituzzjoni."

Illi l-Qorti tinnota li t-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf huma msejsa kemm fuq Artikolu 469A(1)(a) u kif ukoll fuq Artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk in vista ta' dak li ġie spjegat aktar 'il fuq sa fejn din l-eċċezzjoni tolqot l-ilment imressaq mill-atturi taħt Artikolu 469A(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din ser tiġi miċħuda.

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tistħarreġ it-tieni (2) eċċezzjoni fil-kuntest ta' Artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut jargumenta li t-terminu ta' sitt xhur għadda u f'dan ir-rigward jagħmel riferenza għal dak li jgħid il-proviso ta' Artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jingħad is-segwenti:

---

[5] Ara fost l-oħrajn, P.A. RCP 2.2.2000 fil-kawża fl-ismijiet **Gerard Zammit vs. Awtorita' tal-Ippjanar et** (mhix pubblikata); P.A. RCP 5.4.2001 (in parte) fil-kawża fl-ismijiet **David Crisp vs. Korporazzjoni Telemalta** (mhix pubblikata); u App. Ċiv. 31.5.2002 fil-kawża fl-ismijiet **Zamboni et noe vs. Direttur tal-Kuntratti et** (Kollez. Vol : LXXXVI.ii.313).

> "Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorita' pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorita' u din l-awtorita' tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira."

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu (*a fol.* 55 *et seq.*) il-Ministru konvenut jgħid li Regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 188.03 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi terminu sa meta l-awtorita' kellha tieħu d-deċiżjoni tagħha u li, skont hu, l-ilment tar-rikorrent seta' jiġi ppreżentat sa Awwissu 2020 u li b'hekk kieku wieħed kellu japplika din it-teżi allura t-terminu ta' sitt xhur imsemmi aktar 'il fuq ikun għadda bil-konsegwenza li l-azzjoni odjerna tkun perenta.

Illi l-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-Ministru konvenut minħabba li t-terminu stabbilit f'Regolament 7(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 188.03 tal-Liġijiet ta' Malta ma huwiex terminu definittiv. Tant huwa hekk li Regolament 7(5)(ċ) tal-istess leġislazzjoni jipprovdi għal possibilita' li t-terminu jiġi "ittardjat". Fil-fatt Regolament 7(5) tal-leġislazzjoni msemmija jistabbilixxi s-segwenti.

> "Fi żmien tletin jum mid-data meta tintemm il-verifika imsemmija hawn fuq, l-Aġenzija għandha tirrevedi ulterjorment l-applikazzjoni li tkun ġiet sottomessa lilha, għandha twettaq aktar indaġini kif jixraq dwar il-passat, jekk jidrilha li jkun meħtieġ, u għandha tavża bil-miktub lill-konċessjonarju u, fejn ikun applikabbli, lill-Aġent Approvat, skont l-istruzzjonijiet tal-Ministru, illi l-applikazzjoni tkun ġiet:
>
> (a) approvata fil-prinċipju
>
> (b) rifjutata; jew
>
> (ċ) <u>ittardjata minħabba li tkun għadha qed tiġi proċessata</u>."
> [emfażi miżjuda]

Illi meta wieħed japplika dak hawn fuq appena kkwotat fil-kuntest tal-każ odjern jirriżultalu b'mod l-aktar ċar li t-terminu stabbilit fil-liġi ġie mġedded. Dan jirriżulta mill-ittra elettronika mibgħuta fis-6 ta' Awwissu 2020 (Dok. "E" – *a fol*. 14 *et seq.)* fejn l-Aġenzija qalet is-segwenti:

> *"We take the opportunity to remind you that the application is now placed on hold and that the 120 day period will continue once a satisfactory response is received".*

Illi għalhekk l-argument imressaq mill-Ministru konvenut li l-azzjoni odjerna setgħet tkun ippreżentata biss sa Awwissu 2020 mhijiex mistħoqqa. Il-Qorti qed tgħid dan minħabba li b'eżerċizzju tal-jedd mogħti lilha b'Regolament 7(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 188.03 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Aġenzija ġeddet it-terminu applikabbli sabiex tittieħed deċiżjoni li fl-aħħar mill-aħħar ittieħdet fit-12 ta' Lulju 2021. In vista ta' dan it-terminu ta' sitt xhur, il-kawża setgħet tiġi ppreżentata sat-12 ta' Jannar 2022 u b'hekk isegwi li l-azzjoni tal-atturi permezz tal-kawża odjerna ġiet ippreżentata fil-ħin bil-konsegwenza li t-tieni (2) eċċezzjoni tal-Ministru konvenut ser tiġi miċħuda wkoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel (1) u t-tieni (2) eċċezzjoni preliminari tal-konvenut. L-ispejjeż relatati ma' din id-deċiżjoni jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**